

32004D0746

30.10.2004

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 328/101

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tat-18 ta' Ottubru 2004

dwar it-tweqqi tal-kundizzjonijiet mniżżla taħt l-Artikolu 3 tal-Protokoll Addizzjonali li jstabilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom min-naħa l-waħda, u r-Repubblika tal-Bulgarija min-naħa l-oħra, fir-rigward ta' l-estensjoni tal-perjodu previst fl-Artikolu 9(4) tal-Protokoll 2 għall-Ftehim Ewropew

(2004/746/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 87(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill tad-29 ta' Lulju 2002, dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni proviżorja ta' Protokoll Addizzjonali għall-Ftehim Ewropew li jstabilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u r-Repubblika tal-Bulgarija min-naħa l-oħra, rigward l-estensjoni tal-perjodu previst fl-Artikolu 9(4) tal-Protokoll 2 għall-Ftehim Ewropew;

Wara li kkunsidra l-Protokoll Addizzjonali għall-Ftehim Ewropew li jstabilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u r-Repubblika tal-Bulgarija min-naħa l-oħra, rigward l-estensjoni tal-perjodu fl-Artikolu 9(4) tal-Protokoll 2 għall-Ftehim Ewropew, u b'mod partikolari l-Artikolu 3 ta'dan il-Ftehim,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni,

Billi:

- (1) Ftehim Ewropew li jstabilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom min-naħa l-waħda u r-Repubblika tal-Bulgarija ⁽¹⁾ min-naħa l-oħra daħal fis-seħħ fl-1 ta' Frar 1995.
- (2) L-Artikolu 9(4) tal-Protokoll 2 għall-Ftehim Ewropew jipprovdi li fl-ewwel ħames snin wara d-dħul fis-seħħ tal-Ftehim, u b'deroga mill-paragrafu 1 (iii) ta' l-istess Artikolu, l-Bulgarija tista', eċċezjonalment, fir-rigward ta' prodotti ta' l-azzar, tagħti għajjnuna pubblika għal skopijiet ta' ristrutturatur, bil-kundizzjoni li din twassal għall-vijabbiltà ta' l-intrapriżi benefiċjarji f'kundizzjonijiet ta' suq normali fl-aħħar tal-perjodu ta' ristrutturatur, u li l-ammont u l-intensità ta' din l-għajjnuna huma limitati għal dak li huwa assolutament neċessarju biex jerġgħu jsiru vijabbli u jitnaqqsu progressivament u l-programm tar-ristrutturatur huwa marbut ma' razzjonalizzazzjoni globali u tnaqqis tal-kapaċità ta' produzzjoni sħiħa fil-Bulgarija.
- (3) Il-perjodu inizjali ta' ħames snin skada fil-31 ta' Diċembru 1997.

- (4) Ir-Repubblika tal-Bulgarija talbet estensjoni tal-perjodu hawn fuq imsemmi fil-21 ta' Novembru 2002.
- (5) Huwa xieraq li tingħata estensjoni ta' dan il-perjodu għal perjodu addizzjonali ta' tmien snin li jibda fl-1 ta' Jannar 1998 jew sad-data tad-dħul tal-Bulgarija fl-Unjoni Ewropea, skond liema jseħħ l-ewwel.
- (6) Għalhekk, Protokoll Addizzjonali għall-Ftehim Ewropew ġie ffirmat mill-Komunità u l-Bulgarija fil-21 ta' Novembru 2002 u huwa proviżorjament applikat minn dik id-data.
- (7) Taħt l-Artikolu 2 tal-Protokoll Addizzjonali, l-estensjoni tal-perjodu msemmi hawn fuq hija kundizzjonali fuq il-preżentazzjoni min-naħa tal-Bulgarija lill-Kummissjoni ta' programm ta' ristrutturatur u pjanijiet ta' negozju li jissodisfaw il-ħtiġijiet ta' l-Artikolu 9(4) tal-Protokoll 2 għall-Ftehim Ewropew u li ġew evalwati u miftiehma mill-Awtorità Nazzjonali dwar l-Għajjnuna mill-Istat (il-Kummissjoni għall-Protezzjoni tal-Kompetizzjoni).
- (8) F'Marzu ta' l-2004, il-Bulgarija ppreżentat lill-Kummissjoni programm ta' ristrutturatur u pjan ta' negozju għall-unika kumpannija tagħha li bbenefikat minn sostenn mill-Istat għar-ristrutturatur.
- (9) Taħt l-Artikolu 3 tal-Protokoll Addizzjonali, l-estensjoni tal-perjodu msemmi hawn fuq hija kundizzjonali fuq l-evalwazzjoni finali tal-programm ta' ristrutturatur u tal-pjanijiet ta' negozju mill-Kummissjoni.
- (10) Il-Kummissjoni għamlet evalwazzjoni finali tal-programm ta' ristrutturatur u l-pjan ta' negozju li ppreżentat il-Bulgarija; din l-evalwazzjoni tindika li l-implimentazzjoni tal-programm ta' ristrutturatur u tal-pjan ta' negozju se tippermetti li l-kumpannija kkonċernata ssir vijabbli f'kundizzjonijiet ta' suq normali. Turi wkoll li l-ammonti ta' għajjnuna mill-Istati għal raġunijiet ta' ristrutturatur kif speċifikati fil-pjan huma strettement limitati għal dak li huwa neċessarju biex il-kumpannija tkun tista' ssir vijabbli u ser jitnaqqsu progressivament u jitwaqqfu sa l-2005. L-evalwazzjoni ttiprovdi wkoll li razzjonalizzazzjoni globali u tnaqqis tal-kapaċità eċċessiva tal-kumpannija benefiċjarja ser jintlaħqu. L-evalwazzjoni għalhekk tikkonkludi li l-programm ta' ristrutturatur u l-pjan ta' negozju jissodisfaw il-ħtiġijiet ta' l-Artikolu 9(4) tal-Protokoll 2 għall-Ftehim Ewropew,

⁽¹⁾ ĠU L 358, 31.12.1994, p. 3.

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Il-programm ta' ristrutturar u l-pjanijiet ta' negozju ppreżentati lill-Kummissjoni mill-Bulgarija skond l-Artikolu 2 tal-Protokoll Addizzjonali għall-Ftehim Ewropew li jstabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom min-naħa l-waħda, u r-Repubblika tal-Bulgarija, min-naħa l-oħra, rigward l-estensjoni tal-perjodu msemmi fl-Artikolu 9(4) tal-Protokoll 2 għall-Ftehim Ewropew huma konformi mal-ħtiġijiet ta' l-Artikolu 9(4) tal-Protokoll 2.

Artikolu 2

Il-perjodu li fih il-Bulgarija tista' eċċezzjonalment, fir-rigward ta' prodotti ta' l-azzar, tagħti għajnuna pubblika għal skopijiet ta'

ristrutturar skond id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 9(4) tal-Protokoll 2 huwa hawnhekk estiż b'perjodu addizzjonali ta' tmien snin li jibda fl-1 ta' Jannar 1998 jew sad-data ta' l-adeżjoni tal-Bulgarija ma' l-Unjoni Ewropea, skond liema jseħħ l-ewwel, kif inhu previst mill-Artikolu 1 tal-Protokoll Addizzjonali.

Magħmula fi Brussel, nhar it- 18 ta' Ottubru 2004.

Għall-Kunsill

Il-President

C. VEERMAN